**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum Il-Hamis, 7 ta' April, 2016**

Numru 3

**Rikors Guramentat Nru. 12/2011**

**Grazio sive Horace Cachia**

**Vs**

**Agostino sive Winston Carbone u Verney Carbone**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tal-10 ta' Jannar 2011 li jghid hekk:

1. Illi l-konvenuti huma debituri tal-esponenti fl-ammont ta' tlieta u disghin elf mija erbgha u sebghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€93,174.94) (ekwivalenti ghal erbghin elf lira Maltin (Lm40,000)), apparti l-imghaxijiet legali dovuti fuq l-istess, rapprezentanti self brevi manu moghti mill-esponenti lill-konvenuti u dana skond kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ta' nhar is-7 ta' April, 1999, kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument HC1", permezz ta' liema l-konvenuti ikkostitwew rwiehhom veri, certi u likwidi debituri ghaf-favur tal-esponenti fl-ammont imsemmi;

2. Illi minkejja illi l-konvenut Agostino sive Winston Carbone dejjem wieghed ripetutament lill-esponenti illi ser ihallas l-ammont dovut u l-imghaxijiet fuq l-istess, il-konvenuti baqghu inadempjenti u ma hallsu xejn;

3. Illi ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;

4. Illi dawn il-fatti l-esponenti jafhom personalment;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsijasi ordni, provvediment u dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, jghogobha:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri tal-attur fl-ammont ta' tlieta u disghin elf mija erbgha u sebghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€93,174.94), apparti l-imghaxijiet legali dovuti fuq l-istess, rapprezentanti self brevi manu moghti mill-esponenti lill-konvenuti u dana skond kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ta' nhar is-7 ta' April, 1999, kollox kif fuq spjegat;

2. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur l-istess ammont ta' tlieta u disghin elf mija erbgha u sebghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€93,174.94);

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' nhar id-9 ta' Dicembru, 2010 u tal-mandati ta' qbid, sekwestru u inibizzjoni ipprezentati kontestwalment ma' dan ir-rikors mahluf, u bl-imghaxijiet legali min-nhar is-7 ta' April, 1999. Il-konvenuti huma minn issa stess ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Agostino Carbone li tghid hekk:

1. Preliminarjament illi l-azzjoni kkontemplata mill-attur hija bbazata fuq kawza illecita u cioe hija frott l-uzura u tikser il-provvedimenti tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Kodici Kriminali u senjatament it-termini tal-artikoli 298C et. seq. u l-artikolu 688 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk din il-Qorti ghandha titfaghha l-barra a bazi tal-principju "he who comes to justice must come with his hands clear" u billi tikser il-kundizzjonijiet tal-artikolu 966(d) tal-Kodici Civili.

2. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni u in via preliminari wkoll illi l-azzjoni kkontemplata hija wkoll illecita billi bbazata fuq att kriminuz billi ai termini tal-att li jirregola l-Bank Centrali, Kapitolu 371 tal-Ligijiet ta' Malta u senjatament l-artikolu 5 tal-istess, persuna minghajr il-licenza opportuna ma tistax tislef il-flus kif ftahar li ghamel b'mod regolari r-rikorrenti meta fil-lista tax-xhieda ghamel riferiment ghall-persuni kollha li huwa kien jislef il-flus b'mod regolari u ironikament irregolari. Hawn ukoll l-azzjoni kkontemplata ghandha mill-illecitu billi tikser il-kundizzjonijiet tal-artikolu 966(d) tal-Kodici Civili.

3. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet u in via preliminari wkoll, illi l-azzjoni kkontemplata jerga' hija illecita wkoll billi bbazata fuq ksur tal-ligi tal-Exchange Control, li l-ksur taghha huwa wkoll att kriminuz billi s-self meritu tal-kawza rikorrenti kien f'munita estera u cioe f'liri sterlini haga li persuna Maltija ma setghet qatt tislef jekk mhux bi ksur tal-istess ligi tal-Exchange Control.

4. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel tlett eccezzjonijiet u fil-mertu illi kull ammont illi setgha ssellef l-esponenti minghand ir-rikorrenti izjed minn 23 sena ilu mhux talli hallashom lura inkluz l-imghax izda hallas ferm iktar milli kellu kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Minn issa l-esponenti jirrizerva d-dritt li jmexxi kontra r-rikorrenti kemm civilment, ghal kull ammont imhallas zejjed u oltre s-somma mislufa originarjament u l-imghaxijiet ta' 8% fuqha, kif ukoll kriminalment ghall-ksur tal-ligi tal-Exchange Control, il-Banking Act, Kap. 371 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Kodici Kriminali u cioe, fost ohrajn l-artikolu 298C u l-artikolu 688.

5. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel erba' eccezzjonijiet illi l-azzjoni kkontemplata mir-rikorrenti hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(e) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi d-dokument ezebit mir-rikorrenti in sosten tat-talba tieghu kien erronjament jekk mhux ukoll b'hazen indikat bhala kuntratt meta fil-fatt kienet biss skrittura privata li kontra f'kaz ta' kuntratt pubbliku azzjonabbli ghal 30 sena, hija azzjonabbli biss qabel 5 snin.

6. In vista tal-eccezzjonijiet preliminari hawn fuq moghtija l-eccipjenti qieghed jipprevalixxi ruhu minn dan ir-rikors guramentat sabiex jipprezenta kontrotalba kontra r-rikorrenti rikonvenzjonat kif gej.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat il-kontrotalba ta' Agostino Carbone li tghid hekk:

1. Illi f'Mejju 1987 r-rikorrent rinkonvenzjonat kien silef brevi manu lill-intimat rikonvenjonant is-somma ta' STG20,000 (ghoxrin elf lira sterlina).

2. Illi dan is-self kien jikser kemm il-ligi tal-Exchange Control, kif ukoll kien maghmul b'uzura billi l-imghax stipulat kien ta' izjed mid-doppju ta' dak permezz mill-ligi u cioe dak ta' 17% flok il-massimu ta' 8%.

3. Illi ghalkemm l-intimat rikonvenzjonant kien fis-snin ta' wara li sar is-self mhux biss hallas l-ammont misluf izda hallas ferm izjed minn dik is-somma u ferm izjed ukoll milli kieku dik is-somma kienet attirat biss l-imghax massimu permezz mill-ligi, kien insista mal-intimat rikonvenzjonant li dan jiffirma skrittura ta' self gdida, din id-darba fis-somma ta' 40,000 u cioe l-iskrittura li tinsab ezebita mar-rikors guramentat tar-rikorrenti liema skrittura lanqas biss issemmi l-munita mislufa u cioe jekk kinitx dollari, sterlina, rimbimbi, ewro jew maltin jew xi munita ohra u li kienet intiza biss f'attentat fjak li r-rikorrenti jissorpassa l-ostakolu tal-ultra duplu.

4. Illi meta saret din it-tieni skrittura kienet giet fis-sehh il-Banking Act u cioe il-Kap. 371 tal-Ligijiet ta' Malta li tipprojbixxi u timpunixxi bhala rejat is-self brevi manu ta' minn ma jkollux licenza opportuna li jislef il-flus b'mod regolari.

5. In oltre meta giet intavolata mir-rikorrenti Horace Cachia l-kawza odjerna kienu ukoll gew fis-sehh il-provvedimenti tal-artikolu 298C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Kodici Kriminali li jaghmel rejat is-self ta' flus bl-uzura sabiex la darba u permezz tar-rikors guramentat odjern Horace Cachia qieghed jitlob li jithallas bl-uzura jigi li qieghed jikser il-provvedimenti ta' dan l-artikolu.

Jghid ghaldaqstant ir-rikorrenti rikonvenzjonat ghaliex ma ghandiex dina l-Onorabbli Qorti in vista tal-premess u ghal ragunijiet ohra li jigu ventilati quddiemha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi kemm l-iskrittura originali ta' Mejju 1987 kif ukoll l-iskrittura privata tas-7 ta' April, 1999 maghmula bejn il-kontendenti huma nulli u/jew annullabbli u ghaldaqstant qieshom qatt ma ezistew u li ghaldaqstant ma joholqu u/jew qatt ma halqu bejn il-kontendenti obbligazzjonijiet li ghalihom l-intimat rikonvenzjonant ghandu jirrispondi.

Bl-ispejjez kemm tat-talba rikorrenti kif ukoll tat-talba rikonvenzjonali tal-intimat rinkonvenzjonant kontra r-rikorrenti Grazio sive Horace Cachia u b'riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-intimat rikonvenzjonant kontra Horace Cachia ghad-danni kkagunati lilu bil-hrug kontra tieghu tal-mandat ta' inibizzjoni numru 25/2011 u tal-mandat ta' sekwestru numru 27/2011, kif ukoll ghall-hlas ta' penali kif hemm imsemmi fl-artikolu 836 et. seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta kontra Horace Cachia minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta Verney Carbone li tghid hekk:

1) Illi attur ma ghandux l-interess guridiku rikjest mill-ligi sabiex jivvanta l-azzjoni odjerna stante li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat is-7 ta' April 1999 (Dok. "HC1” anness mar-rikors guramentat promotur tal-kawza odjerna) u kif ukoll il-kawza tal-istess kuntratt u anke s-self originali huma simulati, illeciti, pprojbiti mill-ligi, kontra l-ghemil xieraq u kontra l-ordni pubbliku u kontra l-interess generali;
2) Illi kemm il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat is-7 ta' April 1999 (Dok "HC1" anness mar-rikors guramentat promotur tal-kawza odjerna) u anke s-self originali huma null u minghajr effett fil-ligi a tenur tal-artikoli 985, 987 u 989 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta) u ghalhekk ma jorbtux l-eccipjenti odjern u ghal dan il-ghan l-esponenti qed tipprevalixxi ruha mid-dritt moghti lilha skond il-ligi u qieghda taghmel kontestwalment id-debita kontrotalba fir-rigward;
3) Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li xejn ma huwa dovut lill-attur;
4) Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, f'kawlunkwe kaz it-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-artikolu 2156 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);
5) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
Ghaldastant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat ir-risposta ulterjuri ta’ Verney Carbone li eccepiet il-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2156 (e) u (f);

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-kontrotalba tal-konvenuta Verney Carbone li tghid hekk:

1) Illi kif inghad is-socjeta esponenti qed tipprevalixxi ruhha mid-dritt lilha koncess skond il-ligi u qieghda taghmel il-prezenti kontrotalba kontra l-attur u anke kontra l-konvenut l-iehor Agostino sive Winston Carbone ghall-kull interess li jista' jkollu;
2) Illi l-esponenti giet notifikata bir-rikors guramentat promotur tal-kawza odjena u kontestwalment qieghda tipprezenta r-risposta guramentata taghha fir-rigward tal-istess u hemm iddikjarat li kienet ser tipprevalixxi ruhha mill-fakulta moghtija lilha skond il-ligi billi tipprezenta l-kontrotalba odjerna;
3) Illi permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat is-7 ta' April 1999 (Dok. "HC1" anness mar-rikors guramentat promotur tal-kawza odjerna) l-esponenti kienet kostitwiet ruhha debitrici tal-attur fis-somma ta' erbghin elf (40,000);
4) Illi kemm il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat is-7 ta' April 1999 (Dok. "HC1" anness mar-rikors guramentat promotur tal-kawza odjerna) u kif ukoll il-kawza tal-

istess kuntratt u anke s-self originali huma simulati, illeciti, ipprojbiti mill-ligi, kontra l-ghemil xieraq u kontra l-ordni pubbliku u kontra l-interess generali;
5) Illi ghalhekk kemm il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat is-7 ta' April 1999 (Dok. "HC1" anness mar-rikors guramentat promotur tal-kawza odjerna) u anke s-self originali huma null u minghajr effett fil-ligi a tenur tal-artikoli 985, 987 u 989 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk ma jorbtux l-eccipjenti odjern;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, jghid l-attur rikonvenzjonat ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:
1) Tiddikjara li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat is-7 ta' April 1999 (Dok. "HC1" anness mar-rikors guramentat promotur tal-kawza odjerna) u kif ukoll il-kawza tal-istess kuntratt u anke s-self originali huma simulati, illeciti, ipprojbiti mill-ligi, kontra l-ghemil xieraq u kontra l-ordni pubbliku u kontra l-interess generali;
2) Tiddikjara ghalhekk li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat is-7 ta' April 1999 (Dok. "HC1" anness mar-rikors guramentat promotur tal-kawza odjerna) u anke s-self originali huma null u minghajr effett fil-ligi a tenur tal-artikoli 985, 987 u 989 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta); u
3) Tiddikjara, in vista tas-suespost, illi l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat is-7 ta' April 1999 (Dok. "HC1" anness mar-rikors guramentat promotur tal-kawza odjerna) u anke s-self originali ma jorbtux l-esponenti;

Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat, minn issa ngunt ghas-subizzjoni u bir-rizerva ta' kull azzjoni kontra l-kontendenti l-ohra ghad-danni u rivalza spettanti lill-esponenti.

Rat ir-risposta guramentata ta' Horace Cachia ghall-kontrotalba ta' Agostino Carbone li tghid hekk:

1. Preliminarjament, il-kontrotalba intentata mill-konvenut Agostino sive Winston Carbone ghandha tigi michuda peress illi t-talba rikonvenzjonali hija guridikament improponibbli u legalment insostenibbli in kwantu ma hija ibbazata fuq ebda dispozizzjoni tal-ligi u in kwantu tipprospetta talbiet li mhux biss ma humiex imsejsa fil-ligi izda wkoll li huma alternattivi u sahansitra konfliggenti ma' xulxin;

2. Preliminarjament, il-kontrotalba intentata mill-konvenut Agostino sive Winston Carbone ghandha tigi michuda wkoll peress illi t-talba rikonvenzjonali, in kwantu tirreferi ghal xi skrittura originali ta' Mejju, 1987, mhijiex konnessa mat-talbiet tal-esponenti kif jehtieg l-artikolu 396 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi t-talbiet tal-esponenti huma kjarament, unikament u eskluzivament ibbazati fuq il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ta' nhar is-7 ta' April, 1999;

3. Fil-mertu, il-kontrotalba intentata mill-konvenut Agostino sive Winston Carbone hija kompletament infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt peress illi dak hemmhekk allegat mhuwiex minnu, senjatament mhuwiex minnu illi s-self mitlub lura fil-kawza odjerna mill-esponenti kien sar fis-sena 1987 f'munita sterlina u ghalhekk l-allegazzjoni illi kien hemm xi ksur tal-ligi dwar l-Exchange Control hija inveritiera;

4. Fil-mertu, lanqas huwa minnu illi l-esponenti insista mal-konvenut illi jigi ffirmat il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ta' nhar is-7 ta' April, 1999 wara illi kien sar il-pagament da parti tal-istess konvenut, kif allegat mill-konvenut Agostino sive

Winston Carbone, u dana peress illi kien l-istess konvenut Agostino sive Winston Carbone illi ipprepara l-istess kuntratt u iffirmah peress illi huwa kien ha b'self l-ammont indikat fuq l-istess kuntratt minghand l-esponenti;

5. Fil-mertu u in aggunta mal-premess, il-kuntratt in kwistjoni huwa validu, ma ntuzat ebda vjolenza mal-konvenuti jew min minnhom. Lanqas intuzat xi insistenza, il-konvenuti ma humiex persuni "gullible" jew soxxettibbli ghall-ingann da parte ta' terzi (anzi, ghall-kuntrarju), il-kuntratt in kwistjoni huwa prova tieghu innifsu u tal-ammont dovut mill-konvenuti lill-esponenti u ghalhekk it-talba rikonvenzjonali intentata mill-konvenut Agostino sive Winston Carbone hija kompletament bla bazi u ghandha tigi michuda;

6. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-allegazzjoni vantata mill-konvenut Agostino sive Winston Carbone illi kien hemm xi ksur tal-Kapitolu 371 tal-Ligijiet ta' Malta hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l-esponenti qatt ma ghamel xi kummerc bankarju; ma kienx ix-xoghol jew kummerc regolari tal-esponenti illi jsellef ii-flus u in ogni kaz ebda licenzja ma hija mehtiega sabiex ikun jista' jinghata self brevi manu;

7. Fil-mertu, il-kontrotalba intentata mill-konvenut Agostino sive Winston Carbone hija kompletament infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt peress illi fil-kaz odjern ma hemm ebda uzura u ma hemm ebda imghaxijiet b'rata oghla minn dik permessa mil-ligi u dana anke in vista tal-fatt illi l-ammont ta' kapital dovut huwa kjarament kristallizzat fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ta' nhar is-7 ta' April, 1999. In ogni kaz, anke kieku ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss, kellu jinghad illi intalbu xi imghaxijiet b'rata oghla minn dik permessa mil-ligi l-effett certament mhuwiex dak mixtieq u li bi zlejalta u mala fede qieghed jintalab fil-kontrotalba izda illi semmai l-imghax jigi imnaqqas sal-limiti permess mil-ligi skond ma jiddisponi l-artikolu 1852 tal-Kapitolu 16 tal-Ligiiiet ta' Malta;

8. Fil-mertu wkoll, il-konvenut Agostino sive Winston Carbone stess irrikonoxxa u accetta l-ammont dovut minnu mhux biss fuq il-kuntratt anness mar-rikors mahluf izda anke sussegwentament meta wieghed ripetutament lill-esponenti il-hlas tal-istess u ghalhekk intrabat illi jhallas l-istess ammont lill-esponenti;

9. Fil-mertu, l-allegazzjonijiet kollha vantati mill-konvenut Agostino sive Winston Carbone fil-kontrotalba ipprezentata minnu u l-istess kontrotalba huma inveritieri u foloz peress illi l-esponenti verament silef validament lill-konvenuti u dak illi fil-verlta qieghed jipprova jaghmel il-konvenut Agostino sive Winston Carbone huwa illi wara illi ha l-flus minghand l-esponenti jipprova - b'tentattiv pwerili - jizvinkola ruhu mill-obbligu li jhallas lura dak li huwa dovut minnu u dana wara illi ntalbet il-kanonizzazzjoni tal-kreditu permezz tal-kawza odjerna u aktar minn ghaxar (10) snin wara li l-konvenuti ikkostitwew ruhhom veri, certi u likwidi debituri tal-esponenti. Dan huwa agir fih innifsu censurabbli illi ma ghandu qatt jircievi l-protezzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti;

10.Salv twegiba ulterjuri jekk ikun il-kaz:

Bl-ispejjez, inkluzi tal-prezenti kontra l-konvenut Agostino sive Winston Carbone illi huwa minn issa stess ingunt in subizzjoni.

B'rizerva ghal kull dritt ta' azzjoni ulterjuri spettanti lill-esponenti kontra l-istess konvenut senjatament illi jipprocedi bil-kwerela opportuna ghall-gurament falz illi ha l-konvenut metaipprezenta r-risposta mahlufa u l-kontrotalba tieghu,

Rat ir-risposta guramentata ta' Horace Cachia ghall-kontrotalba ta' Verney Carbone li tghid hekk:

1. Preliminarjament, in-nullita tal-kontrotalba ipprezentata mill-konvenuta Verney Carbone ai termini tal-artikolu 789 tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Proceduri Civili (Kapitolu 12 tal-Ligjjiet ta' Malta) peress illi ma hijiex konformi ma' dak illi jiddisponu l-artikoli 398 u 156(1) (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghall-premess, in-nullita tal-kontrotalba ipprezentata mill-konvenuta Verney Carbone ai termini taI-artikolu 789 tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Proceduri Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) peress illi ma hijiex konformi ma' dak illi jiddisponu l-artikoli 398 u 156(1) (a) u (b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu inter alia l-istess kontrotalba ma tfissirx b'mod car u sewwa l-oggett taghha, ma fiha ebda dikjarazzjoni ta' fatti u raguni ghalxiex qieghda ssir, u l-kawzali tal-istess ma jinftehmux b'mod illi tohloq pregudizzju lill-esponenti fid-diflza tieghu ghaI-istess;

3. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kontrotalba intentata mill-konvenuta Verney Carbone ghandha tigi michuda wkoll peress illi t-talbiet rikonvenzjonali, in kwantu jirreferu ghal xi self originali li mhuwiex specifikat, mhumiex konnessi mat-talbiet taI-esponenti kif jehtieg l-artikolu 396 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fil-mertu, l-allegazzjonijiet vantati u t-talbiet imressqa mill-konvenuta Verney Carbone fil-kontrotalba intentata minnha huma kompletament infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt peress illi ma hemm xejn simulat, illecitu, projbit mil-ligi, kontra l-ghemil xieraq, kontra l-ordni pubbliku u kontra l-interess generali, kif allegat mill-istess konvenuta u dana peress illi, fost ragunijiet ohra, l-esponenti verament silef validament lill-konvenuti l-ammont minnu reklamat f'din il-kawza u kulma qieghed jaghmel l-esponenti permezz tal-kawza ipprezentata minnu huwa illi jezercita dritt illi taghtih il-ligi sabiex jigi kanonizzat kreditur tal-konvenuti u eventwalment jigbor dak illi huwa dovut lilu;

5. Fil-mertu wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet vantati u t-talbiet imressqa mill-konvenuta Verney Carbone fil-kontrotalba intentata minnha huma kompletament infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt peress illi hija stess iffirmat liberament il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ta' nhar is-7 ta' April, 1999, anness mar-rikors rnahluf, u zewgha Agostino sive Winston Carbone wieghed ripetutament sa zmenijiet recenti lill-esponenti illi dak id-debitu dovut mill-konvenuti ser jigi saldat. Dan tant huwa minnu illi l-konvenuta Verney Carbone stess tammetti fil-kontrotalba ipprezentata minnha illi hija ikkostitwiet ruhha vera, certa u likwida debitrici ghaf-favur l-esponenti;

6. Fil-mertu wkoll u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet imressqa mill-konvenuta Verney Carbone fil-kontrotalba intentata minnha huma kompletament infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ma jistghux jirnexxu kif proposti peress illi l-artikoli tal-Kodici Civili citati mill-konvenuta Verney Carbone fl-imsemmija kontrotalba ma jaghtux lok ghal dikjarazzjoni ta' nullita kif mitlub mill-istess konvenuta izda semmai ghal talba ghar-rexissjonI;

7. Fil-mertu wkoll, l-allegazzjonijiet vantati u t-talbiet imressqa mill-konvenuta Verney Carbone fil-kontrotalba intentata minnha huma kompletament infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante kunflitt serju f'dak illi qieghed jigi allegat minnha u senjatament fejn tallega illi kien hemm self u dejn u li huwa sahansitra preskritt ma' fejn tallega illi hemm nullita u mhijiex marbuta;

8. Fi kwalunkwe kaz, kull dritt ta' azzjoni illi l-konvenuta Verney Carbone seta' kellha, jinstab preskritt ai termini tal-artikoli 1222, 1223 u 1224 tal-Kapitolu 16 tal-Ligiiiet ta' Malta;

9. L-esponenti jhoss illi ghandu jirrileva illi dak illi fil-verlta qieghda taghmel il-konvenuta huwa tentattiv illi tizvinkola ruhha minn kuntratt validu, li huwa minnu nnifsu prova tal-ammont dovut mill-konvenuti lill-esponenti, wara illi l-istess konvenuti issellfu l-istess ammont, wara wieghdi ripetuti ta' hlas tal-istess, wara illi ntalbet il-kanonizzazzjoni tal-kreditu permezz tal-kawza odjerna u dana aktar minn ghaxar (10) snin wara li l-konvenuti ikkostitwew ruhhom veri, certi u likwidi debituri tal-esponenti;

10.Salv twegiba ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-prezenti, kontra l-konvenuti, illi huma minn issa stess ingunti in subizzjoni.
(a)

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawza titratta dwar allegat ammont dovut ammontanti ghal €93,174.94 (ekwivalenti ghal Lm40,000), li l-attur jghid li ghadu dovut wara li sellef l-imsemmija somma brevi manu lill-konvenuti skond l-iskrittura privata datata 7 ta' April, 1999, esebita bhala Dokument HC1 a fol. 6 tal-process. Dan l-ammont kien restitwibbli fuq semplici rikjesta, madanakollu, skond l-attur, nonostante diversi weghdiet da parti tal-konvenut Agostino sive Winston Carbone, dan baqa' inadempjenti, ma hallas xejn u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Da parti taghhom iz-zewg konvenuti iressqu risposti separati illi minn ezami tal-pern tal-eccezzjonijiet taghhom fil-maggor parti taghhom jixxibah meta jghidu (i) li l-azzjoni attrici hija bbazata fuq l-uzura li hija fiha nnifisha kawza illecita; (ii) inoltre l-istess self huwa simulat, ipprojbit mill-ligi, kontra ghemil xieraq u kontra l-ordni pubbliku u l-interess generali; (iii) illi l-kuntratt li a bazi tieghu saret l-azzjoni attrici u s-self originali huma nulli u minghajr effett a tenur tal-artikoli 985, 987 u 989 tal-Kodici Civili u ghalhekk iz-zewg konvenuti ressqu kontestwalment zewg kontrotalbiet rispettivament; (iv) inoltre iz-zewg konvenuti jeccepixxu l-preskrizzjoni kwinkwennali a tenur ta' l-artikolu 2156 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. (v) Il-konvenut Agostino Carbone jeccepixxi wkoll li s-self sar bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) rigwardanti l-uzurija; tad-disposizzjonijiet tal-Att li jirregola l-Bank Centrali ta' Malta (Kap. 371), fdak li jirrigwarda licenzji mehtiega ghal attivitajiet bankarji; u tad-disposizzjonijiet tal-ligi tal-Exchange Control meta l-attur silef flus permezz tal-munita lira sterlina.

Illi ghandu jinghad mill-ewwel li din il-Qorti trid tirrimarka dwar in-nuqqas ta' serjeta li z-zewg partijiet, wiehed impjegat irtirat mis-servizz pubbliku u l-iehor negozjant tal-esperjenza, urew fir-relazzjoni ta' bejniethom, bir-rizultat li holqu hafna tahwid li issa din il-Qorti trid tipprova ssolvi.

**Provi saljenti**

Illi mill-affidavit tal-attur jirrizulta li huwa sar jaf lill-konvenut wara li ntrodicihulu John Mercieca, impjegat iehor fis-servizz pubbliku, li llum jinsab mejjet, li kien qallu li l-konvenut Agostino Carbone kellu bzonn jissellef xi flus u minghajr ma jirreferi ghal ebda data jghid li l-ewwel darba li kien sellef ii-flus lil Carbone kien fl-ammont ta' Lm30,000 u li wara dan silef somom sostanzjali ta' flus. Minkejja l-ammonti ta' flus mislufa l-attur jghid li ma kenux jaghmlu karti bejniethom u li Carbone kien ihallsu ftit imghax fix-xahar li skond l-attur "qatt ma kien aktar mill-oghla rata permessa bil-ligi". L-attur jghid illi kellhom relazzjoni tajba hafna bejniethom sas-sena 1999 meta l-konvenut informa lill-attur li kien jinsab f'diffikulta finanzjarja u li b'hekk ma kienx f'posizzjoni li jibqa' jhallsu dak dovut lilu. Kien hawn li skond l-attur, il-konvenut

issugerixxa li ghandha ssir l-iskrittura tas-7 ta' April, 1999, li fuqha hija bbazata l-kawza odjerna. L-attur isostni li din l-iskrittura kienet redatta mill-istess konvenut li meta kiteb is-somma dovuta ta' erbghin elf, naqas li jikteb il-valuta li dak iz-zmien kienu liri Maltin. Ikompli jghid l-attur illi l-iskrittura kienet diga ffirmata minn mart il-konvenut Vemey Carbone u li wara li saret din l-iskrittura, minkejja diversi weghdiet ta' hlas da parti tal-konvenut Agostino Carbone, baqa' ma thallas xejn. Jghid ukoll li ghal habta tas-sena 2007, il-konvenut kien qallu li kellu xi negozju ma' imprenditur iehor rigward bicca art f'San Giljan u skont l-attur, kien gie mwieghed li jekk il-permess ghall- izvilupp johrog, l-konvenut kien ser ikun fposizzjoni li jhallsu. Skond l-attur kien biss madwar sitt xhur qabel ma nfethet din il-kawza li l-konvenut infurmah li ma kellu jaghtih xejn u ghalhekk kellu jipprocedi permezz tal-kawza odjerna. L-attur jghaddi biex jichad li kien hemm xi uzura, li s-self mertu ta' din il-kawza sar f'munita barranija, li kien hemm xi simulazzjoni, fatti illeciti jew illegalita ohra. Jichad ukoll li thallas kollox u li kienu l-konvenuti stess illi rrikonoxxew id-dejn taghhom permezz ta' l-iskrittura in ezami.

Madanakollu x-xhieda taI-attur tibda tiehu xejra aktar dghajfa meta jsirlu l-kontroezami f'okkazzjonijiet separati fejn jibdew johorgu numru ta' inkonsistenzi fosthom:

Mistoqsi dwar meta sar l-ewwel self lill-konvenut, huwa ghall-ewwel jinsisti li l-ewwel self li sar lill-konvenut kien madwar sitt xhur qabel l-iskrittura suggett tal-kawza, ghall-habta tas-sena 1998, fl-ammont ta' Lm 30,000 u li wara silef madwar Lm10,000 ohra. Sussegwentement jikkoncedi li fil-fatt precedentement kien silef lill-konvenut 17,000 lira sterlina u li dawn effettivament kienu ekwivalenti ghall-Lm10,000 li l-attur imbaghad jghid li zdiedu mat-Lm30,000 ohra li kien silef lill-konvenut li wasslu ghall-iskrittura in ezami tal-Lm40,000;

Illi qabel is-sena 1999 ma kienx silef flus lii haddiehor, li aktar 'il quddiem tigi ritrattata u jinghad li kien silef lii zewg persuni filwaqt li ghamel garanzija lil tnejn min-nies ohra, mentri wara jirrizulta mill-provi li effettivament silef flus lill-konvenut sa mis-sena 1987;

IIIi fl-ewwel kontroezami iIIi sar liII-attur u fuq mistoqsija tal-Qorti huwa jishaq illi l-flus f'lira sterlina li kien ghadda liII-konvenut f'self precedenti ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-iskrittura ta' self mertu tal-kawza odjerna, izda li dak is-self baqa' ma thallasx

mill-konvenut u ghalhekk ghandu jiehu sahansitra aktar mill-erbghin elf lira Maltin, suggett ta' din il-kawza. Izda mit-tieni kontroezami jirrizulta li tabilhaqq is-self li sar precedentement fl-ammont ta' 17,000 lira sterlina kienu inkorporati fl-Lm40,000, mertu tal-iskrittura tal-1999, suggett tal-kawza odjerna;

L-attur jghid li ma saret ebda skrittura ghall-ammont ta' 17,000 lira sterlina peress li hu kien jafda lil Agostino Carbone madankollu meta gie konfrontat b'dokument esebit (mhux iffirmat) bhala Dok. KG1 waqt is-sed uta tat-18 ta' Frar, 2013, filwaqt li jghid "nahseb dawk huma l-10,000", jghid li ma jiftakarx li huwa ffirma karta hekk. Dan id-dokument huwa datat 15 ta' Mejju, 1987. Il-komparenti fuq din l-iskrittura huma l-attur u l-konvenut. Fiha jinghad li l-attur bhala kreditur qieghed jislef 20,000 lira sterlina lill-konvenut bir-rata ta' 17% sterlina tis-sena li ghandhom jithallsu lill-kreditur wara sena flimkien rnal-hlas tis-shih tal-kapital li gie garantit perrnezz ta' post dated cheque mahrug mill-konvenut fl-ammont ta' 23,400 lira sterlina. Wara li l-attur gie debitament imwissi mill-Qorti, huwa ghazel li ma jwegibx il-mistoqsijiet fir-rigward ta' dan id-dokument;

Ircevuti ta' hlas ma kienx johrog l-attur tal-imghaxijiet li thallsu minn Carbone, peress li dan spiss kien ihallas permezz ta' cekkijiet (li l-attur izda jghid qatt ma zamm kopja taghhom) u gieli permezz ta' flus kontanti wkoll. Madanakollu l-attur ma eskludiex li seta' thallas tmienja u tletln darba permezz ta' cekk ghal Lm300 kull darba, izda huwa jghid li dan l-imghax thallas fuq is-self ta' Lm30,000 li silef fis-sena 1998. Dan meta precedentement xehed permezz tal-affidavit li Carbone fis-sena 1999 ma hallsu xejn peress li kien f'qaghda finanzjarja hazina!

Meta mistoqsi jekk thallasx imghax bejn is-snin 1991 u 1996, l-attur iwiegeb li "ma jidhirlix";

Mistoqsi mill-Qorti jekk huwa zammx imghax lis-sur Carbone, huwa kien vag ghall-ahhar u jghid "Kif ftehmna", meta mistoqsi kemm zamm imghax lill-konvenut jghid "Kif qieghda legali", meta mistoqsi kemm hu legali, jghid "minn 8 sa <u>10 fil-mija</u> dak iz-zmien kienet" (sottolinjar mizjud mill-Qorti);

Minkejja li skond l-attur is-17,000 lira sterlina selifhom lill-konvenut minghajr skrittura ta' xejn peress li kien jafdah, u li dawn baqghu ma thallsux mill-konvenut, rega' silef Lm30,000 ohra lill-konvenut minghajr skrittura ta' xejn, permezz ta' flus cash u minkejja l-ammont sostanzjali li allegatament silef, ma jiftakarx jekk dawn il-flus f'cash hargux kollha f'daqqa jew ftit ftit! Wara jghid li ma tahomx lill-konvenut f'salt

wiehed imma ftit ftit, izda lanqas ma kien jaf id-dati ta' meta hareg dawn il-flus kollha u wisq anqas jaf ir-raguni l-ghala kien qieghed jislef dawn il-flus kollha lill-konvenut. Il-Qorti ssib li dan kollu huwa mill-aktar inverosimili peress li hawnhekk mhux qeghdin nitkellmu fuq ftit flus izda ammonti kbar ta' flus u l-attur ma zamm ebda inkartament ta' xejn ta' dan it-trasferiment ta' flus li allegatament silef lill-konvenut, aktar u aktar meta l-attur jghid li l-konvenut kienu ghadu ma raddx lura flus (f'lira sterlina) li kien silfu precedentement!

Rigward l-iskrittura in ezami, l-attur jghid li l-konvenut gabha ttapjata lesta, bid-data, bil-kliem rigwardanti isem il-konvenuta, mart il-konvenut u l-ammont ta' erbghin elf mimlijin bil-kitba li l-attur jghid li jahseb li hija kitba tal-konvenut Agostino Carbone, peress li Carbone gab l-iskrittura mimlija u ffirmata lesta u kulma zied l-attur kienet il-firma tieghu. Illi kif tajjeb josservaw il-konvenuti, li kieku dan id-dokument kien verament ippreparat mill-konvenut dan kellu jkun jaf isem martu meta huwa kien qieghed jittajpja dan id-dokument!

In-nuqqas ta' konsistenza fix-xhieda tal-attur tippersisti meta jerga’ jsirlu kontroezami fis-seduta tal-11 ta' Marzu, 2014, meta fir-rigward ta' self iehor li sar lil terza persuna, huwa jghid li fil-bidu kien izomm imghax bit-12% li imbaghad nizzel u naqqas ghal 8% hekk kif miftiehem mad-debitur. Mentri d-debitur in kwistjoni (Arcidiacono) jinsisti ripetutament li qatt ma kien hemm interessi miftehma bejniethom u li dawn inhadmu biss meta saru l-konteggi finali bejn il-partijiet.

Illi meta wiehed imbaghad jghaddi biex jara x-xhieda tal-konvenut Agostino Carbone, li hija korraborata b'numru ta' dokumenti senjatament dawk esebiti bhala Dok. AC1 sa AC5 a fol. 129 sa 133 tal-process, jirrizulta li huwa minnu li l-attur ittrasferixxa zewg ammonti ta' flus f'lira sterlina lill-konvenut, Skond Dok. AC2, l-ewwel 20,000 lira sterlina fit-12 ta' Mejju 1987 (tliet ijiem qabel l-iskrittura esebita bhala Dok. KG1 imsemmija qabel) u seba' xhur wara, skond Dok. AC3 u AC4, gew trasferiti 8,500 lira sterlina ohra fl-14 ta' Dicembru, 1987. Fl-istess gurnata tal-iskrittura tal-15 ta' Mejju, 1987, il-konvenut isostni li huwa hareg post-dated cheque fl-ammont ta' 23,400 lira sterlina li l-mamma tieghu tidher esebita bhala Dok. AC1 a fol. 129 tal-process li jkopri s-self ta' 20,000 lira sterlina flimkien mal-imghax ta' 17% li jwasslu ghal 23,400 lira sterlina. Il-konvenut jammetti li dan ic-cekk baqa' ma ssarafx mill-attur peress li l-konvenut ma kellux fondi bizzejjed biex jaghmlu tajjeb ghac-cekk mahrug minnu.

Madanakollu l-konvenut jishaq li huwa baqa' jhallas lill-attur Lm300 kull xahar "without fail" bhala imghax, li huma ftit aktar minn 17% fix-xahar li kienu ftehmu fuq l-20,000 lira sterlina peress li l-attur kien silfu 8,500 lira sterlina ohra li fuqhom ma zdiedx l-imghax.

Il-konvenut isostni li peress li baqa' ghaddej regolarment bil-hlas ta' Lm300 fix-xahar bejn is-sena 1987 u s-sena 1996, meta huwa mbaghad ghamel il-konteggi deherlu li kien hallas bizzejjed flus lill-attur sia bhala kapital kif ukoll bhala interessi, peress li huwa kkalkola li hallas lill-attur ftit aktar minn Lm32,000 (skond prospett esebit bhala Dok. AC6 a fol. 134 tal-process, liema prospett kien ippreparat fil-mori tal-proceduri odjerni u ghalkemm jindika l-valuta tal-ewro, il-konvenut jispjega li dawn ghandhom jinqraw bhala liri Maltin). Fix-xhieda tieghu in kontroezami, fis-seduta tat-23 ta' Jannar, 2014, sussegwentement il-konvenut jghid li hallas lill-attur Lm34,000.

Il-konvenut jghid illi informa lill-attur fl-1996 li hu ma kienx fil-hsieb li jhallas sold iehor peress li deherlu li kien hallas bizzejjed u l-attur ma ghamel reazzjoni ta' xejn. Skond il-konvenut, ghalkemm tul iz-zmien baqghu jiltaqghu bejniethom, il-kontendenti f’din il-kawza, ma ssemmewx aktar il-flus.

Ghalkemm il-konvenut jghid li ma jiftakarx li ffirma l-iskrittura tas-7 ta' April, 1999, suggett tal-kawza odjerna, huwa jikkoncedi li l-firma fuqha hija tieghu, izda jishaq li ma nghatax Lm40,000 ohra bhala self. Il-konvenut fil-kontroezami li sarlu waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar, 2014, jghid li din l-iskrittura saret f'ufficcju l-Belt u biex jintimidah l-attur introducih ma’ xi hadd "tough" li allegatament kien ser jiehu d-dejn u ghalhekk huwa ffirma din il-karta peress li kien taht pressjoni kbira, allavolja mill-kalkoli tieghu huwa kien konvint li ma lkellu jaghti lill-attur xejn aktar peress li ta' 28,500 lira sterlina huwa kien hallas Lm34,000, li ghalih kienu bizzejjed.

Ghalkemm il-konvenut semma mal-attur il-progett kbir li kellu ma' imprenditur iehor, huwa jishaq li kien l-attur li offrielu li jkellem lill-Prim Ministru, u ta' dan il-konvenut kien lest li jekk jirnexxi l-progett u jaqla' il-flus, zgur li kien ser jiftakar fl-attur u jahseb fih bhala apprezzament, izda jichad li kellu jghaddilu l-flus li seta' jaqla minn fuq dan

il-progett bhala hlas ghal xi pendenzi bejn il-kontendenti f'din il-kawza. In kontroezami l-konvenut baqa' konsistenti max-xhieda precedenti tieghu.

Fil-kaz tal-konvenuta Verney Carbone, hija tghid li ma tiftakarx li ffirmat dan id-dokument izda tikkonferrna li l-firma fuq l-iskrittura in ezami hija taghha.

Xehed ukoll in extenso Boris Arcidiacono fejn huwa jghid illi gie introdott lill-attur mill-konvenut Agostino Carbone bhala persuna li setghet tghinu fil-problemi finanzjarji li kellu. Illi l-attur tul is-snin silef bosta ammonti ta' flus lii dan ix-xhud u li dan tal-ahhar kien grat lejn l-attur peress li bis-sahha tieghu ssolvew il-problemi finanzjarji li kellu. L-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu fdak il-kaz, saret permezz ta' kuntratt notarili u ghalkemm kien hemm ukoll xi divergenzi bejn il-partijiet dawn gew transatti kif jirrizulta mid-dokument esebit bhala Dok. BA1 a fol. 167 tal-process. Il-konteggi f'dak il-kaz saru b'mod akkurat mid-debitur kif jixhed id-dokument BA3 esebit animo rilirandi mid-debitur in kwistjoni waqt is-sed uta tas-26 ta' Jannar, 2015. Madanakollu huwa ritenut illi dak illi sehh bejn l-attur u dan ix-xhud huwa res inter alios acta li ma ghandu x'jaqsam xejn mal-mertu tal-kaz in ezami.

Lejn l-ahhar tas-smigh tal-kawza, xehdu rapprezentant tal-Awtorita ta' Malta ghas-Servizzi Finanzjarji li kkonferma li mis-sena 1994 'il quddiem dahlet fis-sehh il-ligi li tirregola l-istituzzjonijiet finanzjarji, fosthom illi persuna tehtieg ikollha licenzja sabiex isellef flus lin-nies u li l-attur ma jirrizultax li ghandu tali licenzja.

Xehed ukoll rapprezentant tal-Bank Centrali ta' Malta li l-attur kellu numru ta' applikazzjonijiet u nhargulu numru ta' permessi (li huma esebiti a fol. 290 sa 304 tal-process). Dawn kienu jikkonsistu f'zewg applikazzjonijiet sabiex jintbghatu flus barra minn Malta li minn ezami ta' Dok. JC2 jirrizulta li saru fis-sena 2000 u fis-sena 2002. Filwaqt li l-attur kellu ghaxar okkazjonijiet fejn l-attur talab li jithallas xi kreditur, rigali jew remittances li saru bejn is-sena 2002 u s-sena 2003. Mill-istess xhud irrizulta wkoll li bejn is-snin sebghin sal-2004 kien ukoll mehtieg permess tal-Bank Centrali sabiex wiehed seta' jsellef il-flus fiz-zmien in kwistjoni, u dan ai termini tal-Exchange Control Act. Ma rrizultax illi t-artur kellu dan it-tip ta' permess minkejja li x-xhud

jispjega li l-Bank Centrali ghandu policy li certu dokumenti ma jibqax izommhom wara d-dekors ta' numru ta' snin.

**Piz tal-prova**

Illi kif wiehed jista' facilment jara l-partijiet kontendenti f'din il-kawza jaghtu verzjonijiet kontraslanti ghall-ahhar, izda l-ezitu tal-kawza jiddependi ghal kollox fuq il-kredibbilita tal-partijiet u l-Qorti ghandha toqghod fuq l-onus probandi li l-partijiet ghandhom jippruvaw dak allegat minnhom. Kif osservat din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza taghha tat-28 ta' Jannar, 2004, fl-ismijiet **Lawrence Farrugia vs Fedela Carabott**:

> F'kazijiet bhal dan il-Qorti trid toqghod ferm attenta illi minn naha ma thassarx ftehim, meta dan invece messu jibqa' fis-sehh, u minn naha l-ohra ma zzommx haj ftehim fejn dan jirrizulta vizzjat ghal xi raguni valida fil-ligi;

**Konsiderazzjonijiet legali**

**1. Kawza illecita**

L-ewwel eccezzjoni taz-zewg konvenuti rispettivament hija li t-talba attrici hija msejsa fuq kawza illecita peress li hija frott l-uzura u dan bi ksur tal-provvedimenti taht l-artikolu 298C tal-Kodici Kriminali u fi kliem il-konvenuta "illeciti, pprojbiti mill-ligi, kontra l-ghemil xieraq u kontra l-ordni pubbliku u kontra l-interess generali."

Kawza illecita hija mbaghad definita permezz tal-artikolu 990 tal-Kodici Civili li jfisser li kawza hija illecita meta hija pprojbita mil-ligi, jew kuntrarju ghall-eghmil xieraq jew ghall-ordni pubbliku. Il-konvenuti jikkontendu illi l-kawza illecita tikkonsisti fil-fatt li l-iskrittura tirraprezenta l-uzura.

L-artikolu 1852 tal-Kodici Civili jipprovdi:

> (1) L -imghax ma jistax jaqbez it-tmienja fil-mija fis-sena.
> (2) L-imghax miftiehem f'izjed minn daqshekk jigi mnaqqas sal-limiti hawn fuq imsemmija.
> (3) Jekk ikun gie mhallas imghax izjed minn dak li taghti l-ligi, iz-zejjed jinqata' mill-kapital.

Gie ritenut mill-Qrati taghna li "Kwalunke ftehim li l-partijiet jistghu jivvantaw biex il-kreditur jista' jasal ghal fini tieghu fi jiehu imghax aktar minn dak li tippermetti l-ligi

huwa null" (**Neg. Lewis Formosa vs Antonio Gatt** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-20 ta' Novembru, 1934). Kif ukoll: "Il-konvenzjoni affetta b'uzura hija, ghal dik li jirrigwarda l-uzura, nulla b'mod assolut, jigifieri inezistenti, billi illecita ghax projbita mil-Ligi u hija illecita fir-rigward tal-mutwant ... Ghalhekk is-somma mhallsa bhala uzura ghandha tigi restitwita lii min hallasha u ma tista' qatt tifforma oggett ta' obbligazzjoni naturali." (**Carmelo Lia vs Emmanuele Genovese** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Marzu 1938).

Inoltre l-Qrati taghna dejjem irritenew li l-konvenzjoni affetta bl-uzura hija, ghal dak li jirrigwarda l-uzura, nulla b'mod assolut (**Joseph Mary Farrugia vs Gontran Borg noe**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Novembru 1985. Kif ukoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Peplow vs Ferdinando Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Marzu 1955).

Aktar recentement din il-Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza taghha tas-27 ta' Marzu, 2014, (li tinsab appellata) fl-ismijiet **Angela Debattista et vs Joanne Debattista et**, irriteniet:

> Biex kuntratt ikun validu, huwa mehtieg illi jissoddisfa r-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-Art 966 tal-Kap. 16 u cioe il-kapacita, il-kunsens, l-oggett u l-kawza lecita. Meta dawk ir-rekwiziti jkunu sodisfatti, kuntratt ma jistax jigi ddikjarat null jew bla effett. Il-kuntratt ikun qed jirrifletti l-volonta legittima tal-kontraenti, liema volonta hija suprema (ara l-Art 1002 tal-Kap. 16).

Fis-sentenza taghha tal-31 ta' Ottubru 2003 fil-kawza "**Brian Richard Andrews et vs Alfred Borg**", din il-Qorti (PA/NC) qalet hekk -

> Skond l-Art. 987 tal-Kap.16 - 'L-obbligazzjoni mingflajr kawza, jew maghmula fuq kawza falza jew illecita, mghandha ebda effett. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tordna lill-konvenuti ghall-ezekuzzjoni tal-mandat u cioe li jittrasferixxu l-fond de quo lill-atturi. Ighid Laurent (Vol.XXVII Para. 402) - "Quando il fatto e illecito la legge non riconosce alcun effetto alia convenzione ; e' una obbligazione fondata su causa illecita, poiche la causa si confonde con l'oggetto dei contratti; e quando la causa e illecita l'obbligazione e' inesistente e non puo avere alcun effetto"

F'dan il-kaz il-Qorti tinsab f'sitwazzjoni xejn felici peress li min-naha wahda ghandek l-attur li jtenni li silef il-flus lill-konvenuti u baqa' minghajr hlas u min-naha l-ohra l-bazi tad-difiza tal-konvenuti hija l-uzura. Din il-Qorti, wara li qieset sew dak li xehdu l-partijiet, hija tal-fehma illi aktar tista' toqghod fuq dak illi xehed il-konvenut milli fuq

dak li nghad mill-attur bhala segwenza tal-fatti. Dan qieghed jinghad mhux biss minhabba n-nuqqas ta' konsistenza fix-xhieda ta' l-attur izda wkoll minhabba l-fatt li d-dokumenti li gew esebiti mill-konvenut (esebiti a fol. 129 sa 133 tal-process) jikkorraboraw aktar il-versjoni moghtija minnu u li dawn id-dokumenti ma gew kontrastati bl-ebda mod mill-attur, anzi meta rinfaccat bid-dokument (esebit bhala Dok. KG1) li jindika li l-imghax fuq il-ftehim originali kellu jkun bis-sbatax fil-mija, ghazel li ma jixhidx. Ghalkemm dan il-fatt, fih innifsu, mhux qieghed jigi meqjus bhala ammissjoni da parti tal-attur, meta din il-Qorti tifli sew ix-xhieda kollha hija propensa li taghti ragun lill-konvenuti peress li hu meqjus li fuq il-bazi tal-probabilta, (il-grad tal-prova kif mehtieg fil-qasam tal-ligi civili), huwa minnu li l-attur kien jithallas b'rata in eccess ta' dak preskritt mill-ligi. Wara kollox fuq mistoqsija diretta ta' din il-Qorti dwar x'inhi r-rata legali, l-attur iwiegeb: "minn 8 <u>sa 10</u> fil-mija dak iz-zmien kienet." (sottolinjar mizjud minn din il-Qorti).

Il-Qorti ma tistax tonqos milli tirrileva wkoll illi l-attur naqas milli jzomm jew jesebixxi xi tip ta' rendikont jew ledger dwar is-self ta' flus li kien jaghmel lill-konvenut u dwar il-hlasijiet li kien jircievi. L-attur semplicement ipprovda kopja tal-ftehim datat 7 ta' April, 1999 u jghid li minn dakinhar 'il hawn qatt ma rcieva pagament. Madanakollu l-istess attur jikkoncedi li parti mis-somma ta' Lm40,000, imsemmija fl-istess ftehim kienet maghmula minn bilanc precedenti misluf lill-konvenut f'lira sterlina. Il-Qorti ghandha biss il-kelma tal-attur fir-rigward, mentri kieku gie prodott xi ledger jew rendikont, li jindika l-hlasijiet maghmula mill-konvenut u kif l-attur wasal ghal dan il-bilanc, dan kien iservi bhala l-ahjar prova fir-rigward u fl-assenza, il-Qorti tista' biss tasal ghall-konkluzjonijiet li jidhrilha li huma gusti fic-cirkostanzi.

Fic-cirkustanzi jidher li l-eccezzjonijiet tal-konvenuti f'dan ir-rigward huma misthoqqa.

**2. Simulazzjoni**

Il-konvenuta fl-ewwel eccezzjoni taghha ssemmi wkoll li l-kawza tal-kuntratt li a bazi tieghu jivvanta l-azzjoni tieghu l-attur hija wahda simulata. Din l-eccezzjoni tal-konvenuta tinsab riflessa wkoll fl-ewwel talba tal-kontrotalba tal-konvenuta. Huwa wkoll maghruf li min isellef il-flus bl-imghaxijiet eccessivi juza diversi stratagemmi

biex joskura dan il-fatt illecitu tieghu. Fil-fatt fil-kaz odjern, il-konvenut jinsisti li l-ftehim suggett tal-kawza odjerna huwa biss faccata peress li effettivament fil-gurnata in kwistjoni tas-7 ta' April, 1999, ma kenux ghaddew dawn il-flus bejn l-attur u l-konvenut. Effettivament huma jishqu li l-uniku self ta' flus li sar bejn il-kontendenti kien tnax-il sena qabel u cioe, fis-sena 1987 l-ammont ta' 28,500 lira sterlina meta l-attur ghamel trasferiment ta' flus mill-kont tieghu ghall-kont tal-konvenuti u ta' dan it-trasferiment ta' flus kienu l-istess konvenuti li gabu prova taghhom. Wara li l-konvenut baqa' jhallas Lm300 fix-xahar kull xahar bejn Gunju tas-sena 1987 u Dicembru, 1996, biex jaqta' l-imghax, il-konvenut wasal sabiex jghid li kien hallas bizzejjed kemm bhala imghax, kif ukoll bhala somma kapitali, l-konvenut jghid li affronta l-attur u li qallu li kien hallas bizzejjed. Il-konvenut jghid li hallas lill-attur madwar Lm 34,000 (u jekk wiehed jiehu in-numru ta' xhur (114) tul dan il-perjodu u jimmultiplikahom b'Lm300, dawn veru jgibu l-figura ta' Lm34,200). Din ix-xhieda tal-konvenut ma giet kontradetta bl-ebda mod, lanqas meta sar il-kontroezami tal-istess konvenut, li baqa' konsistenti fix-xhieda tieghu u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti huwa minnu li s-self moghti mill-konvenut fis-sena 1987, inkluz l-imghax legali gie mhallas fis-shih.

Fis-sentenza taghha tas-26 ta' Mejju 1952 fil-kawza **Carmelo Morana vs Dr. Joseph Spiteri et**, il-Qorti tal-Appell sostniet li bhala regola mhumiex ammissibbli provi testimonjali kontra l-miktub (contra scriptum non scriptum testimonium non fertur) pero din mhijiex regola assoluta u kull kaz ghandu jigi ezaminat il-fattispecje tieghu. Infatti kien ritenut li r-regola ma tapplikax f’dawk il-kazijiet fejn l-att miktub jigi mpunjat minhabba simulazzjoni. Kif lanqas ma hija applikabbli meta jkun jidher li l-kontraenti ghamlu kuntratt biex ighattu kuntratt iehor li realment riedu jaghmlu u meta l-Qorti tkun perswaza li jkun sar zball fil-kuntratt. Bhal dak il-kaz, din il-Qorti hija propensa li tammetti l-eccezzjoni ghar-regola, cioe li l-provi testimonjali prodotti fil-kaz in ezami jeghlbu dawk bil-miktub peress li dawk bil-miktub jirrizultaw affetti b'simulazzjoni.

Mhux daqshekk car ghal din il-Qorti ir-raguni ahharija li waslet lill-konvenuti sabiex jaghtu l-kunsens taghhom biex jiffirmaw din l-iskrittura tas-7 ta' April, 1999, meta l-konvenut, li kien hu stess negozjant ta' esperjenza u li kien kapaci jieqaf lill-attur

sentejn qabel meta affrontah biex jieqaf milli jkompli jhallas, li spicca biex iffirma dan il-ftehim, jekk mhux ghar-raguni li jghid il-konvenut li kien hassu taht pressjoni kbira sabiex jiffirmaha u mhux ghaliex tassew ghaddew ii-flus bejn il-kontendenti. Madanakollu meta l-Qorti tqis l-ewwel cahda tal-attur li z-zewg fthemiet ma kellhom x'jaqsmu xejn bejniethom u l-ispjegazzjoni li dawn il-flus ghaddihom lill-konvenut madwar sitt xhur qabel gie ffirmat il-ftehim u x-xhieda sussegwenti tieghu li parti mill-Lm40,000 kienu maghmula mill-bilanc ta' Lm1 0,000, li Carbone kien fadallu x'ihallas mis-self f'Iira sterlina (li effettivament gie ppruvat li ghaddew ghand il-konvenut fis-sena 1987), tasal biex tikkonkludi li din l-iskrittura li saret fl-1999 kienet tassew wahda intiza sabiex tahbi l-imghax illegali pretiz mill-attur li sar fuq is-self lill-konvenut fis-sena 1987, aktar u aktar meta tqis li maghfus in kontroezami l-attur l-ewwel jghid ma jiftakarx kif ghaddew it-Lm30,000 jekk hux ftit ftit jew f'daqqa, imbaghad jixhed li dawn ghaddihom ftit ftit u sahansitra ma zammx tracca taghhom ta' xejn la permezz ta' cekk jew xi rendikont li jissufragja t-tezi tieghu, li din il-Qorti tqis li ghandha mill-inkredibbli meta wiehed jikkunsidra l-flejjes li allegatament silef l-attur minghajr salvagwardja ta' xejn!

Ghalhekk din il-Qorti tqis illi din l-eccezzjoni ghat-talba attrici wkoll tirrizulta pruvata.

**3. Nullita**

It-tieni eccezzjoni tal-konvenuta tan-nullita hija bbazata fuq l-artikoli 985 u 987 tal-Kodici Civili li jipprovdu li (i) hwejjeg ipprojbiti mil-ligi, jew kuntrarju ghall-eghmil xieraq, jew ghall-ordni pubbliku, ma jistghux ikunu oggett ta' kuntratt u (ii) hija bla effett kwalunkwe obbligazzjoni maghmula fuq kawza falza jew illecita.

Din il-Qorti tinsab konvinta li l-kuntratt tas-7 ta' April, 1999, mressaq mill-attur bhala l-bazi tal-azzjoni tieghu, kien mahsub biex jahbi u jaghti effett lill-attivita illecita tieghu. Konsegwentement huwa milqut bl-artikolu 987 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li kif rajna jipprovdi li obbligazzjoni bazata fuq kawza illecita hija nulla u ma ghandha ebda effett, peress li i-kuntrsii ikun tnissel minn obbligazzjoni nulla in kwantu l-kawza taghha tkun illecita. Illi permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti (diversament preseduta) tal-5 ta' Mejju, 1997, fl-ismijiet **Julia Borg et vs Carmel Brignone** kien meqjus illi:

> "Il-qrati taghna dejjem irritenew li n-nullita ta' kuntratt u konsegwentement l-obbligazzjoni naxxenti minn dak il-kuntratt tista' tigi dedotta per via d'eccezzjoni u mhux mehtieg li tigi dedotta b'azzjoni, u dana meta dik in-nullita hija espressament stabbilita mil-ligi. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza Elena Agius vs Giuseppe Ciancio deciza fit-3 ta' Frar 1936 hekk esprimiet ruhha:-
> Il-kelma nullita hija uzata fix-xjenza guridika fzewg sensi, wiehed fis-sens proprju ta' "inezistenza", jigifieri kuntratt null ma jkunx jezisti u qiesu qatt ma sar, u l-iehor ta' ‘annulabilita', jigifieri meta -kuntratt jew att iehor jista' jezisti u jibqa' jsehh sakemm ma jigiex imhassar u mwaqqa' ghal xi raguni li ssemmi u trid il-ligi. Il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati hija kostanti li tirritjeni li meta l-kwistjoni hija ta' nullita, il-konvenut f'kawza jista' jqajjimha b'eccezzjoni, izda jekk hija wahda ta' annullabilita hu ma jistax igibha 'l quddiem hlief b'kawza separata 'ad hoc'.
> L-artikolu 987 jippreskrivi li obbligazzioni bazata fuq kawza illecita hija nulla u m'ghandha ebda effett, konsegwentement il-kuntratt minn fejn titwieled din l-obbligazzjoni huwa null kemm il-darba jirrizulta li l-kawza kienet illecita.

Din is-sentenza kienet konfermata f'dan ir-rigward ukoll fil-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 1999 fejn ukoll gie mizjud illi:

> Hi korretta l-konsiderazjoni fis-sentenza appellata li l-qrati taghna dejjem irritenew li n-nullita ta' kuntratt u konsegwentement l-obbligazioni naxxenti minn dak il-kuntratt tista' tigi dedotta per via di eccezzione u ma kienx mehtieg li tigi dedotta b'azzjoni, meta tali nullita kienet espressament komminata mil-ligi.
>
> Gie anzi kostantament ritenut illi f'dawn ic-cirkostanzi n-nullita ta' l-obbligazzjoni setghet tigi sollevata mill-istess Qorti ex officio. "Hija bla effett kwalunkwe obbligazzjoni maghmula fuq kawza illecita u l-kawza hija llecita meta hija projbita mil-ligi jew kuntrarju ghall-ghemil xieraq jew ghall-ordni pubbliku. U konvenzjoni hija kontra l-ordni pubbliku meta hija kontra l-interess generali. Il-kwistjoni tal-legalita jew le tal-konvinzjoni minhabba kawza llecita tista' tigi sollevata ex officcio." (Vol XLID p. 684 deciza minn:din il-Qorti fl-ismijiet Charles Pace et -vs- Philip Agius et).
>
> Illi 'rebus sic stantibus', kif logikament jikkonkludi Pacifici Mazzoni:- "Il giudice non puo' accogliere la domanda diretta ad ottonere l'adempimento di una convenzione fondata sopra causa illecita, o che abbia un oggetto turpe o contrario alia legge, benche' il debitore non apponga eccezione di sorta" (Istituzioni, Vol. II para. 167) u ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha tissolleva 'ex officio' n-nullita tal-kondizzjoni fuq migjuba u maghha n-nullita tal-konvenzjoni relattiva. (Vol. XLIIIC.ii.646)

It-tielet eccezzjoni tal-konvenuta ssegwi l-ewwel tnejn u ghalhekk ghandha konsegwentement tintlaqa' wkoll.

**4. Preskrizzjoni**

La darba qed tintlaqa' l-eccezzjoni tan-nullita ma hemmx lok li tigi epurata l-kwistjoni dwar il-preskrizzjoni peress li darba obbligazzjoni giet dikjarata nulla ma jistax ikollha effett u ghalhekk ebda dekors ta' zmien ma jipperkorri kontra l-esekuzzjoni taghha. Madankollu l-Qorti ghal kompletezza wkoll tidhol fil-kwistjoni.

Il-konvenuti jressqu l-preskrizzjoni kwinkwennali hekk kif provdut taht l-artikolu 2156(e) u (f). L-artikolu 2156(e) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi:

> L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin:
> (e) l-azzjonijiet ghar-radd ta' flus moghtija b'self, jekk is-self ma jirrizultax minn att pubbliku.

Hu indubitat li l-iskrittura tas-7 ta' April, 1999, li fuqha hija msejsa l-azzjoni attrici, hija wahda li tindika self ta' flus u tikkostitwixxi skrittura privata li l-kontendenti ghamlu bejniethom u mhux kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu kif jittanta jinsinwa l-attur. Ghalhekk hu ritenut li l-kaz in ezami jinkwadra ruhu sew fil-parametri ta' dan is-subinciz. Ma jirrizultax sew min kien il-persuna li rrediga tali skrittura peress li l-partijiet jaghtu versjonijiet kontrastanti ghall-ahhar. L-uniku qbil li hemm bejn il-partijiet huwa l-fatt li qatt ma sar xi pagament da parti tal-konvenut li seta' jservi bhala rikonoxximent tad-dejn li jwassal ghall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Madanakollu jirrizulta mill-atti tal-kawza li ghalkemm din l-iskrittura saret f'April, 1999, il-konvenut apparti li eccepixxa l-preskrizzjoni baqa' konsistentement jichad li kellu jaghti xi flus lill-attur stante li kien hallas kull ammont li seta' ssellef minghand l-attur. Inoltre l-uniku att gudizzjarju li seta' interrompa l-preskrizzjoni, kien dak imressaq qabel il-kawza odjerna, esebit fl-atti bhala Dok. HC3, li hija l-ittra ufficjali li saret fit-konfront tal-konvenuti fid-9 ta' Dicembru, 2010, cioe aktar minn ghaxar snin wara li saret l-iskrittura privata. Ghaldaqstant it-taiba attrici kienet diga tinsab preskritta bid-dekors taz-zmien. Da parti tieghu ghalkemm l-attur jallega li l-konvenut dejjem kien iwieghed li ser ihallas, naqas milli jgib kwalunkwe prova li turi li l-attur effettivament irrinunzja jew interrompa din il-preskrizzjoni b'xi tip ta' ammissjoni.

Ghalhekk din l-eccezzjoni mressqa mill-konvenuti jisthoqqilha li tigi milqugha. La darba qed tintlaqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a bazi tal-artikolu 2156(e) a bazi ta'

self qed tigi eskluza awtomatikament il-preskrizzjoni a bazi tal-artikolu 2156(f) li titratta azzjoni ta' hlas minn debiti ohra.

**5. Eccezzjonijiet ohra**

Illi l-konvenut Carbone jressaq ukoll permezz ta' numru ta' eccezzjonijiet inkwantu fit-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tieghu huwa jikkontendi illi l-illecita in ezami tikkostitwixxi wkoll ksur tal-ligi li tirregola l-kummerc bankarju, in kwantu persuna ma tistax tislef flus regolarment minghajr il-licenzja opportuna, illi l-attur agixxa bi ksur tal-ligi dwar l-exchange control in kwantu s-self moghti mill-attur saret f'munita estera u cioe f'liri sterlini u peress li zamm imghax oltre 8% dan sar bi ksur kemm tal-ligi kriminali, kif ukoll tal-ligi bankarja, ossia Kap. 371 tal-Ligijiet ta' Malta u bi ksur tal-ligi tal-exchange control u li fi kwalunkwe kaz is-self li sar fis-sena 1987 gie debitament imhallas.

Salv ghall-prova mressqa mill-konvenut rigward il-hlasijiet regolari li kien ghamel hekk kif rilevat qabel, il-konvenut ma ressaq ebda prova biex isostni t-tezi tieghu dwar il-ksur tal-ligi bankarja, izda mix-xhieda prodotti mili-konvenuta ma jirrizultawx provi li jikkonvincu lii din il-Qorti sal-grad mehtieg li l-attur kien isellef flus abitwalment peress li jirrizulta mill-provi li huwa sellef lii tnejn min-nies b'mod partikolari lill-konvenut u lix-xhud Boris Arcidiacono. Mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Awtorita ta' Malta ghas-Servizzi Finanzjarji, rrizulta li l-htiega ghal-licenzja dahlet fis-sehh fis-sena 1994, mentri fil-kaz in ezami is-self effettiv sehh fis-sena 1987 (u mhux fis-sena 1999). Ghalkemm irrizulta mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Bank Centrali li l-attur ma kellu ebda permess biex isellef il-flus, liema prova hija limitata minhabba l-fatt li certu dokumenti ma baqghux jinzammu mill-Bank wara d-dekors ta' numru ta' snin, jirrizulta mill-provi li l-attur sellef flus lil dawn it-tnejn min-nies ghal numru ta' drabi, li fil-fehma tal-Qorti mhumiex fihom infushom prova li l-attur kien jaghmel negozju abitwali minn dan is-self li jwassal ghall-konvinciment sal-grad rikjest mil-ligi li s-self kien bazat fuq skop kummercjali bhala kummerc bankarju, hekk kif definit fl-istess ligi bankarja. Jirrizulta li ghalkemm ir-relazzjoni bejn il-kontendenti bdiet kazwalment wara introduzzjoni permezz ta' terza persuna, sussegwentement irrizulta li kien hemm rabtiet ta' hbiberija personali bejn il-kontendenti u anke bejn l-attur u l-

imsemmi xhud Boris Arcidiacono. Inoltre din il-Qorti ma jidhrilix li hija s-sede opportuna sabiex jigu determinati ksur tal-provvedimenti tal-Kodici Kriminali hekk kif rilevati mill-konvenuti.

Ghalhekk it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut Agostino Carbone sejrin jigu michuda salv ir-raba' eccezzjoni fejn il-konvenut jikkontendi li kull ammont misluf fis-sena 1987 u l-imghax legali relativ gie debitament imhallas.

**Kontrotalba**
**Nullita jew annullibilita**

Permezz tal-kontrotalbiet rispettivi taz-zewg konvenuti, huma jitolbu li din il-Qorti tiddikjara l-iskrittura suggett tal-kawza (oltre dik ta' Mejju 1987) bhala nulli jew annullabli (fil-kaz tal-kontrotalba tal-konvenut) li ma joholqu ebda obbligazzjoni li r-rikonvenzjonanti ghandhom jirrispondu ghaliha. Fil-kaz in ezami l-konvenut rikonvenzjonant ma talabx id-dikjarazzjoni ta' nullita' tal-iskrittura in ezami per via d'eccezzione kif kellu kull dritt li jaghmel, izda ressaq kontrotalba apposita. Mentri l-konvenuta mhux talli tressaq in-nullita bhala difiza per via d'eccezzione izda sahansitra tressaq ukoll kontrotalba ghal dikjarazzjoni ta' nullita. A skans ta' repetizzjoni l-Qorti hawn tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet legali taghha dwar in-nullita fl-ezami tal-azzjoni principali. L-attur rikonvenzjonat jressaq zewg twegibiet fil-konfront taz-zewg kontro-talbiet imressqa miz-zewg konvenuti rispettivament li serjrin jigu trattati serjatim.

Il-konvenut Agostino Carbone permezz tal-kontrotalba tieghu qieghed jitlob illi kemm l-iskrittura originali ta' Mejju 1987 kif ukoll l-iskrittura privata tas-7 ta' April, 1999 maghmula bejn il-kontendenti huma nulli u/jew annullabbli u ghaldaqstant qieshom qatt ma ezistew u li ghaldaqstant ma joholqu u/jew qatt ma halqu bejn il-kontendenti obbligazzjonijiet li ghalihom l-intimat rikonvenzjonant ghandu jirrispondi.

In kwantu l-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat ghall-konto-talba tal-konvenut Agostino Carbone jinghad illi:

(a) Hija improponibbli u legalment insostenibbli peress li mhix bazata fuq ebda disposizzjoni tal-ligi, in kwantu tipprospetta talbiet li mhumiex imsejsa fil-ligi. Din il-Qorti tirrileva li t-talba tal-konvenut rikonvenzjonant tirrizulta b'mod car u li dawn il-Qrati ilhom li abbandunaw il-formalizmu eccessiv in kwantu huwa guridikament accettat li azzjonijiet legali ghandhom jigu salvati sakemm ma jigix pruvat li waslu ghal xi ingustizzja lill-parti avversarja li wassluha fl-impossibilta li tiddefendi ruhha sew. Ma jidhirx li dan hu l-kaz tal-attur rikonvenzjonat u ghalhekk din l-eccezzjoni mhix misthoqqa.

Din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

(b) L-attur rikonvenzjonat jeccepixxi wkoll li t-talba rikonvenzjonali in kwantu tirreferi ghal skrittura tas-sena 1987, mhix konnessa mat-talbiet principali tieghu kif jehtieg l-artikolu 396 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li t-talbiet attrici huma bbazati esklussivament fuq l-iskrittura tas-sena 1999. Kif irrizulta waqt is-smigh tax-xhieda, huwa l-istess attur li jistqarr li parti mill-ammont te' Lm40,000 kontenut fl-iskrittura tas-sena 1999 jorigina mill-bilanc tas-self li sehh fl-1987. Ghalhekk din il-Qorti tinsab sodisfatta li z-zewg skritturi hum a intrinsikament konnessi hekk kif mehtieg fl-imsemmi artikolu tal-ligi. Wara kollox, kif ritenut minn din il-Qorti (diversament preseduta) fit-30 ta' Gunju, 2004, fil-kawza fl-ismijiet: **Air Malta p.l.c. vs Lawrence Borg et**:

> Illi din il-Qorti, wara li hasbet sewwa fuq il-portata tal-kliem tal-paragrafi rilevanti tal-artikolu 396, issib li dan ma jistax jigi sewwa mfisser jekk mhux fid-dawl tal-kliem ewlieni ta' dak l-artikolu, u precizament mal-htiega li bejn talba u kontrotalba jrid ikun hemm konnessjoni u li tali konnessjoni trid tinstab bejn l-istess partijiet.

Din l-eccezzjoni wkoll sejra tigi michuda in kwantu mhix misthoqqa.

(c) Permezz tat-tielet eccezzjoni tieghu l-attur rikonvenzjonat jsostni li l-kontrotalba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, peress li mhux minnu li s-self mitlub fil-kawza odjerna jmur lura ghas-sena 1987. Madanakollu kif gia nghad, jirrizulta mill-ezami tal-provi li huwa l-attur stess li permezz tax-xhieda tieghu jikkoncedi li parti mis-somma msemmija fl-iskrittura tas-sena 1999 tirrisali bhala bilanc tas-self li sehh fl-1987.

Mentri ma tressqu ebda provi konvincenti dwar kif u meta allegatament ghaddew il-bqija tal-flus suggett ta' l-iskrittura in ezami.

Ghalhekk lanqas din l-eccezzjoni ma tirrizulta u sejra tigi respinta.

(d) L-attur rikonvenzjonat jinsisti li mhux minnu li huwa insista mal-konvenut sabiex jiffirma l-kuntratt tas-sena 1999 wara li kienu saru l-pagamenti dovuti mill-istess konvenut anzi, sahansitra jghid li kien l-istess konvenut li pprepara l-iskrittura tas-sena 1999. Din il-Qorti tirreferi ghal dak rilevat minnha qabel u cioe ghalkemm ma jirrizultax b'mod car min irrediga l-iskrittura in ezami, issibha difficli biex temmen li kien il-konvenut li pprepara tali skrittura u halla barra isem il-mara tieghu sabiex dan imbaghad jintela' bil-kitba, kif ukoll issiba difficli temmen li kien l-konvenut li hejja dan id-dokument li jindika li originarjament kunjom il-konvenut kien indikat bhala Carbonaro minflok Carbone. Mir-rizultanzi tal-provi din il-Qorti tinsab konvinta li l-iskrittura de quo saret sabiex timmaskera l-uzura u indubbjament giet iffirmata mill-konvenuti fuq insistenza tal-attur.

Din l-eccezzjoni hija konsegwentment michuda.

(e) Permezz tal-hames eccezzjoni, l-attur rikonvenzjonat jishaq fuq il-validita tal-ftehim peress li ma ntuzat ebda vjolenza jew insistenza mal-konvenuti, wara kollox jispjega li l-konvenuti mhumiex nies suxxettibbli ghal-ingann da parti ta' terzi u -kuntratt ghandu jitqies bhala prova fih innifsu tal-ammont dovut mill-konvenuti. Il-Qorti taghmel referenza ghal konsiderazzjonijiet taghha maghmula qabel f'din is-sentenza f'dak li jirrigwarda s-simulazzjoni li giet adoperata sabiex tahbi l-uzura.

Ghalhekk anke din l-eccezzjoni sejra tigi michuda.

(f) A skans ta' repetizzjoni il-Qorti tirreferi ghal dak kunsidrat minnha qabel u ghalkemm ma jbiddel xejn fil-mertu, tilqa' is-sitt eccezzjoni tal-attur rikonvenzjonat in kwantu ma jirrizultax ippruvat li l-attur rikonvenzjonat kiser id-disposizzjonijiet tal-Kap. 371 tal-Ligijiet ta' Malta peress li s-self moghti minnu lill-konvenuti ma jikkostitwixxix kummerc bankarju.

Tilqa' s-sitt eccezzjoni kwantu ma jirrizultax ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 371 tal-Ligijiet ta' Malta.

(g) Ladarba din il-Qorti tinsab konvinta li l-kreditu pretiz mill-attur fil-kawza odjerna, joriqina in parte mis-self originali f'lira sterlina fejn l-attur kien qieghed jippretendi imghax ta' 17%, li tirrizulta bhala rata illegali ta' imghax japplika fis-shih il-provvediment tal-ligi taht l-artikolu 987 tal-Kodici Civili. Ghalkemm sewwa jghid l-attur rikonvenzjonat illi l-artikolu 1852 tal-Kodici Civili jintitola lill-attur ghall-imghaxijiet leciti peress li l-uzura ma tipprivax lill-mutwant mill-interessi leciti, madanakollu in vista tal-kunsiderazzjonijiet legali maghmula qabel fir-rigward tal-azzjoni principali, ma jirrizultax lil din il-Qorti li saret il-prova da parti tal-attur li hemm xi bilanc dovut lilu, anzi l-prova mressqa mill-konvenut li l-imsemmi dejn tas-sena 1987 gie mhallas fis-shih ma gietx kontradetta bi provi cari u inekwivoci.

Din l-eccezzjoni ghalhekk sejra tigi respinta.

(h) Ghalkemm l-attur spiss itenni li l-konvenut irrikonoxxa u accetta l-ammont dovut mhux biss fuq il-kuntratt anness mar-rikors promotur izda anke sussegwentement wieghed il-hlas lill-attur ripetutament, ma saret ebda prova f'dan is-sens fil-proceduri odjerni.

Ghalhekk lanqas din l-eccezzjoni ma tirrizulta misthoqqa.

(i) Permezz ta' din l-eccezzjoni generika l-attur rikonvenzjonat jghid li l-allegazzjonijiet fil-kontrotalba huma kollha inveritieri u attentat sabiex il-konvenut jizvinkola ruhu mill-obbligi li jhallas dak li huwa dovut lill-attur. Il-Qorti tirribadixxi li kien jinkombi fuq l-attur li jgib il-provi mehtiega li jikkonvincu lil din il-Qorti li dak vantat minnu kellu mis-sewwa. Kien hemm wisq okkazzjonijiet fejn l-attur irrizulta inkonsistenti fix-xhieda tieghu u kif inghad qabel, qajla din il-Qorti tista' temmen li xi hadd jislef l-ammonti konsiderevoli ta' flus bil-leggerezza li jixhed l-attur u sahansitra li ma jzomm rendikont ta' xejn jew xi tip ta' prova ohra sabiex jissufragja t-tezi tieghu. Anzi kien l-istess konvenut li ressaq numru ta' dokumenti li kkonvincew lil din il-Qorti

li l-iskrittura suggett tal-kawza odjerna mhix ghajr faccata li tahbi l-fatt illecitu li l-attur kien qieghed jipprova jahsad minn fuq dahar il-konvenuti. Imbaghad wara kollox, kien sta ghall-attur sabiex jiehu l-mizuri proprji u f'waqthom sabiex jissalvagwardja l-interessi tieghu.

Ghalhekk anke din l-eccezzjoni ser tigi respinta.

Filwaqt illi l-konvenuta Verney Carbone permezz tal-kontrotalba taghha qeghda titlob (1) dikjarazzjoni li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat is-7 ta' April 1999 (anness mar-rikors guramentat promotur tal-kawza odjerna bhala Dok. HC1) u kif ukoll il-kawza tal-istess kuntratt u anke s-self originali huma simulati, illeciti, ipprojbiti mill-ligi, kontra l-ghemil xieraq u kontra l-ordni pubbliku u kontra l-interess generali; (2) dikjarazzjoni li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat is-7 ta' April 1999 (Dok. HC1) u anke s-self originali huma nulli u minghajr effett fil-ligi a tenur tal-artikoli 985, 987 u 989 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta); u (3) dikjarazzjoni illi l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat is-7 ta' April 1999 (Dok. HC1) u anke s-self originali ma jorbtux l-esponenti.

Jigi rilevat li in kwantu l-kontrotalba tal-konvenuta Verney Carbone hija mressqa wkoll fil-konfront tal-konvenut l-iehor Agostino Carbone, ghal kull interess li jista' jkollu, tali procedura hija nulla, nullita li din il-Qorti ghandha tissolleva ex ufficio peress li tirrigwarda materja ta' procedura u ordni pubbliku, peress li l-procedura tal-kontrotalba, skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 396 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li kontrotalba tista' ssir biss fil-konfront ta' l-attur u ma tistax issir fil- konfront ta' konvenut iehor fil-kawza.

In kwantu l-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat ghall-kontrotalba tal-konvenuta Verney Carbone jinghad illi:
(i) Preliminarjament in-nullita tal-kontrotalba ai termini tal-artikolu 789 tal-Kap. 12, peress li mhix konformi mad-disposizzjonijiet tal-artikoli 398 u 156(1)(d) tal-istess Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti filwaqt li tirreferi ghal dak li nghad qabel tislet silta minn sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-10 ta' Mejju, 2011 fl-ismijiet **Avukat Mark Refalo f'isem l-assenti Ray sive Raymond Manara u Jodie**

**Louise Manara vs George u Maria konjugi Borg**, fejn hemm ukoll il-bazi tal-eccezzjoni ta' nullita kien l-artikolu 156(1) (d) tal-Kap. 12, qalet hekk:

> 9. It-tieni eccezzjoni hija msejsa fuq l-art. 156(1)(d) li jrid illi fuq l-att taht l-isem tal-Qorti jinghata l-avviz li min jircievi t-twegiba b'rikonvenzjoni ghandu jkellem avukat biex iwiegeb fi zmien ghoxrin jum min-notifika.
>
> 10. Tassew iIIi f'dan iI-kaz l-att huwa "nieqes minn xi partikolarita essenzjali espressament mehtiega mil-ligi", u ghalhekk tista' tinghata l-eccezzjoni tan-nullita tieghu taht l-art. 789(1)(d) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Madankollu, fil-kaz tallum, li tintlaqa' l-eccezzjoni ta' nullita jkun rimedju sproporzjonat, kemm fid-dawl ta' dak li jghid ii-proviso ghall-istess art. 789(1) u kif ukoll ghax l-atturi wiegbu fiz-zmien li taghtihom il-ligi u ma sofrew ebda pregudizzju minhabba n-nuqqas tal-avviz li l-ligi trid li jinghatalhom."

Din iI-Qorti tabbraccja l-istess principju u tichad l-istess eccezzjoni.

(ii) Kif ukoll li l-kontrotalba mhix konformi ma' dak li jiddisponu l-artikolu 398 u 156(1)(a) u (b) in kwantu jinghad li l-kontrotalba ma tfissirx b'mod car u sewwa l-oggett taghha, ma fiha ebda dikjarazzjoni ta' fatti u raguni ghaliex qeghda ssir, u l-kawzali ma jinftehmux b'tali mod li tohloq pregudizzju ghalih fid-difiza tieghu ghall-istess. Din il-Qorti filwaqt li tirribadixxi l-principji enuncjati qabel, tirreferi wkoll ghas-segwenti sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta, tal-31 ta' Mejju, 2006 fl-ismijiet **Joseph u Rose konjugi Vassallo vs Joseph Delia et**, fejn kien ritenut illi:

> ... l-eccezzjoni taht ezami tirreferi sewwasew ghan-nullita tal-prezentata tal-Kontro-talba aktar milli n-nullita tal-Kontro-talba vera u proprja. Filwaqt li tal-ewwel tfissret bhala 'nullita virtwali', ftat-tieni n-nullita tkun 'testwali.' Kif inghad f'sentenza mirquma u li stharrget sewwa din id-differenza, 'in-nullitajiet huma odjuzi, ma jistghux jigu prezunti, ma jistghux jigu estizi minn kaz ghal iehor, u in generali, jirripunjaw ghaz-zeitgeist modem li huwa kuntrarju ghar-ripetizzjoni tal-kawzi u atti gudizzjarji u ghall-moltiplikazzjoni tal-ispejjez u t-telf ta' zmien anti-ekonomiku hlief ghal ragunijiet verament serji. Hekk l-annali tal-gurisprudenza taghna, matull-ahhar hamsin sena u izjed, juru ruhhom fekondi f'ezempji gholjin ta' gudikatura prattika li taghmel kulma tista', fil-limiti tas-sewwa, biex issalva l-atti, specjalment ic-citazzjoni promotorja tal-gudizzju relattivament ghall-indikazzjoni anke ta' dak l-element tant essenzjali preskritt mill-ligi tal-kawzali cara.

Ghalhekk din l-eccezzjoni wkoll sejra tigi respinta.

(iii) In kwantu ghat-tielet eccezzjoni fejn l-attur rikonvenzjonat jirribadixxi n-nuqqas ta' konnessjoni bejn t-talba attrici u dik rikonvenzjonali, hekk kif disposta mill-artikolu

398 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti a skans ta' repetizzjoni tirreferi ghall-kunsiderazzjonijiet taghha taht it-tieni eccezzjoni identika tal-attur rikonvenzjonat fir-rigward tal-kontrotalba tal-konvenut.

Ghalhekk din l-eccezzjoni wkoll sejra tigi michuda.

(iv) L-attur rikonvenzjonat itenni li mhemm xejn simulat, illecitu projbit mil-ligi, kontra l-ghemil xieraq, kontra l-ordni pubbliku u kontra l-interess generali, peress li l-attur vera silef l-ammont ta' flus minnu reklamati lill-konvenuti u huwa semplicement qieghed jezercita d-dritt moghti lilu bil-ligi sabiex jigi kanonizzat kreditur tal-konvenuti u jigbor dak li huwa dovut lilu. Il-Qorti filwaqt li tirribadixxi li l-uzura tikkostitwixxi kawza llecita, hija pprojbita mil-ligi u effettivament tmur kontra l-ghemil xieraq, kontra l-ordni pubbliku u kontra l-interess generali, a skans ta' ripetizzjoni tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet legali taghha dwar is-simulazzjoni fl-ezami tal-azzjoni principali.

Din l-eccezzjoni ghalhekk sejra tigi wkoll respinta.

(v) Permezz ta' din l-eccezzjoni l-attur rikonvenzjonat jghid li l-konvenuta ffirmat liberament tali skrittura u li zewgha kien ripetutament wieghed il-hlas tad-debitu koncernat filwaqt li hija l-istess konvenuta li kkostitwiet ruhha vera certa u likwida debitrici ghaf-favur tal-attur. Hawnhekk ssir referenza ghall-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti taht ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat fir-rigward tal-kontrotalba tal-konvenut.

Ghalhekk din l-eccezzjoni wkoll hija michuda.

(vi) (vii) u (viii) Li huma intrinsikament konnessi u sejrin jigu kunsidrati f'daqqa, f'dawn l-eccezzjonijiet l-attur rikonvenzjonat jsostni li l-kontrotalba kif tentata mill-konvenuta ma tistax tirnexxi peress li l-artikoli citati mill-konvenuta ma jaghtux lok ghal dikjarazzjoni ta' nullita izda ghal talba ta' rexxissjoni; li hemm kunflitt serju fejn tallega li kien hemm self u dejn li huma preskritti ma' fejn tallega li hemm nullita; u li fi kwalunkwe kaz kull dritt ta' azzjoni li kellha l-konvenuta jinstab preskritt ai termini ta' l-artikoli 1222 sa 1224 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Jigi rilevat li l-konvenuti

rikonvenzjonanti mhumiex semplicement jittantaw dikjarazzjoni ta' nullita izda qeghdin sahansitra jsostnu li l-allegata skrittura ta' self kienet biss faccata u ghalhekk qeghdin jagixxu wkoll bl-azzjoni tas-simulazzjoni, peress li kif inghad qeghdin jipretendu li gie simulat self sabiex tigi mohbija l-uzura u din il-Qorti tirribadixxi l-konvinzjoni taghha f'dan ir-rigward. Issa kif ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tas-7 ta' Marzu, 1955, fl-ismijiet **Joseph Peplow vs Fedinando Galea**, ghal talba tar-rexissjoni ta' kuntratt minhabba simulazzjoni ma hix applikabbli l-preskrizzjoni ta' sentejn u lanqas dik ta' hames snin; ghax l-azzjoni ta' simulazzjoni ma ghandhiex tigi konfuza mal-azzjoni rexissorja. L-azzjoni ta' simulazzjoni hi soggetta ghall-preskrizzjoni ta' tletin sena. Filwaqt li ssir referenza ghar-rassenja tal-gurisprudenza hemm imsemmija, jinghad ukoll li :

> ... il-preskrizzjoni eccepita ma tistax tigi ammessa. Jlnghad ukoll li, kif gie rilevat fis-sentenza 'Lia vs. Genovese', superjorment citata, l-art. 1266, li bis-sahha tieghu dik il-preskrizzjoni giet opposta, fost id-diversi kawzi fih enumerati ma jikkomprendix dik tal-illecejita tal-kawza, li hija sostrat tal-prezenti azzjoni.

Ghalhekk anke dawn l-eccezzjonijiet ma jirrizultawx misthoqqa u sejrin jigu michuda.

(ix) In kwantu din l-eccezzjoni hija ripetizzjoni tad-disa' eccezzjoni mressqa mill-attur rikonvenzjonat fil-konfront tal-konvenut, il-Qorti tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet taghha ghall-istess eccezzjoni u ghall-istess ragunijet tirrespingi din l-ahhar eccezzjoni.

Madanakollu kif rajna l-fatt li l-konvenut rikonvenzjonant ma talabx id-dikjarazzjoni ta' nullita tal-iskrittura in ezami per via d'eccezzione, izda ressaq kontrotalba apposita u li l-konvenuta mhux talli tressaq in-nullita bhala difiza per via d'eccezzione izda sahansitra tressaq kontrotalba ghal dikjarazzjoni ta' nullita, il-Qorti tqis li dan sarraf f'dupplicita ta' proceduri bla bzonn u ghalhekk sejra tqis dan meta tigi biex talloka l-ispejjez tal-istess.

**Decide**

Ghalhekk ghar-ragunijet imsemmija, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad it-talbiet kollha tal-attur, tilqa' l-ewwel, ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet tal-konvenut

Agostino Carbone u tichad it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tieghu limitatament in kwantu ma jirrizultax ksur tal-Kap. 371 tal-Ligijiet ta' Malta; tilqa' wkoll l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Verney Carbone.

Tilqa' t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti u tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-attur rikonvenzjonat fir-rigward, billi tiddikjara l-iskrittura tas-7 ta' April, 1999 bhala nulla in kwantu simulata u li saret unikament sabiex timmaskera l-uzura u tiddikjara wkoll l-iskrittura tal-15 ta' Mejju, 1987 nulla in kwantu tistipula rata ta' imghax li evidentement hija illecita, filwaqt li d-dejn hemm imsemmi jirrizulta debitament imhallas u sodisfatt fis-shih mid-debituri. Tilqa' is-sitt eccezzjoni tal-attur rikonvenzjonat ghall-kontrotalba tal-konvenut rikonvenzjonant Agostino Carbone limitatament kwantu ma jirrizultax ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 371 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza inkluz il-kontrotalbiet jithallsu mill-attur Horace Cachia hlief dawk relatati ghat-tieni u raba' eccezzjonijiet tal-konvenut Agostino Carbone li ghandu jbatihom l-istess Carbone.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur